MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1240/2003

**Baldacchino Brothers Limited**

**vs**

**Ic-Chairman Bank of Valletta plc u b'digriet tal-10 ta' Lulju 2003 giet ordnata il-kjamata in kawza ta' Anthony Baldacchino u b'digriet tat-3 ta Ottubru 2003 giet ordnata korrezzjoni fl-okkju fis-sens illi giet kancellata il-kelma 'Chairman'**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Gunju 2003 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u tnejn u sittin lira Maltin (Lm1162.00) rapprezentanti mport ta' zewg *cheques*, wiehed tas-7 ta' Frar 2001 ghal Lm219.00 u l-iehor tas-16 ta' Mejju 2003 ghal Lm943.00, t-tnejn favur is-socjeta' atrici u mahruga mill-Kummissarju

tat-Taxi Nterni bhala rifuzjoni ta' taxxa li ssarfu abbusivament u illlegalment u b'negligenza da parti tal-Bank konvenut minn Anthony Baldacchino meta l-istess *cheques* kienu ntestati favur 'Baldacchino Brothers Limited only'.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Jannar 2003 u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali sal-pagament effettiv u bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta ghas-subizzjoni

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvneuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-
1. Illi preliminarjament is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex tbati l-ispejjes ta' din il-kawza stante li bejn is-socjeta' konvenuta u dik attrici kif ukoll ma' Anthony Baldacchino kienu ghaddejjin trattativi fis-sens li l-atturi kienu qed jjiddiskutu transazzjoni ma Anthony Baldacchino u kien hemm qbil ili fil-kaz li ma jintlahaqx ftehim allura l-Bank kellu jigi nfurmat qabel ma jsiru proceduri ulterjuri, kif ukoll anki jirrizulta mill-kopja tal-ittra tal-istess Bank tal-24 ta' Mejju 2003 (Dok. BOV 1).
2. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, ghall-fini tal-ekonomija tal-gudizzju ghandu jigi kjamat in kawza Anthony Baldacchino li rcieva minghand is-socjeta konvenuta s-somma ta' Lm1,162.00 imsemmija fl-Avviz meta prezenta l-istess zewg *cheques* lis-socjeta' konvenuta.

Ra d-digriet tal-15 ta Lulju 2003 fejn giet milqugha t-talba tas-socjeta' konvenuta ghall-kjamata in kawza ta' Anthony Baldacchino.

Ra d-digriet tat-3 ta' Ottubru 2003 fejn giet ordnata korrezzjoni fl-Avviz tat-Talba fis-sens illi fejn hemm indikat isem is-socjeta' konvenuta giet kancellata il-kelma'Chairman'.

Ra r-Risposta tal-kjamat in kawza fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi meta l-kjamat in kawza sarraf ic-cheques in kwistjoni ma giet kommessa ebda irregolarita’ kif qed jigi allegat mis-socjeta’ attriici.
2. B’riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibbli skond il-ligi.

Sema’ x-xhieda ta’ Emanuel Baldacchino, Joseph Baldacchino, Nicholas Baldacchino, ta’ Anthony Baldacchino, ta’ Dr. Michael Borg Costanzi u ta’ Stephen Galea. Ha konjizzjoni tal-affidavits tal-konvenut, ta’ Licia Baldacchino u tal-Avukat Dottor Michael Borg Costanzi, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ra n-noti ta sottomissjonijiet final ital-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi dan il-kaz jirrigwaarda l-import ta’ zewg cheques mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni favor is-socjeta’ attrici bhala rifuzjoni ta’ taxxa. L-ewwel *cheque* kien fil-valur ta’ Lm219.00 (esebit a fol. 27 tal-process) u l-iehor kien fil-valur ta’ Lm943.00. Is-socjeta’ attrici ssostni li dawn iz-zewg *cheques* gew imsarrfa abusivament u illegalment mis-socjeta konvenuta meta din sarfithom fuq talba tal-kjamat in kawza Anthony Baldacchino. Is-socjeta’ attrici tirritjeni li una volta li dawn iz-zewg *cheques* kienu intestati ‘Baldacchino Brothers Limited only’ ic-*cheques* in kwistjoni ma setghux jissarfu izda kellhom jigu depozitati fil-kont tas-socjeta’ attrici. Jibda biex jinghad li c-*cheque* fil-valur ta’ Lm219.00 jidher li gie depozitat permezz tal-ATM u ma jirrizultax f’liema kont gie depozitat. Fuq il-wara tac-*cheque* hemm il-firem tal-ahwa Baldacchino u hemm ukoll timbru li jindika li dan ic-*cheque* gie ‘*placed to the credit of payees account’.* Il-*payee* f’dan il-kaz kienet is-socjeta’ attrici u ghalhekk jidher li ma kien hemm ebda irregolarita’ in kwatnu jirrigwarda dan ic-*cheque.*

Fil-kaz tat-tieni *cheque*, dan jidher li gie msarraf mill-kjamat in kawza u fil-fatt fuq il-wara tac-*cheque* hemm il-firma tieghu. Dan gie kkonfermat mix-xhud Stephen Falzon li huwa l-impjegat tal-Bank li sarraf dan ic-*cheque.*

L-anqas il-kjamat in kawza ma huwa qed jikkontesta li fil-fatt dan ic-*cheque* gie msarraf minnu izda huwa jsostni li kien hemm ftehim bejnu u bejn hutu, li lkol huma azzjonisti u diretturi tas-socjeta attrici, li huwa kellu jsarraf dan ic-*cheque* u jzomm l-ammont bhala tpacija ta' xi flus li kienu dovuti lilu mis-socjeta' attrici ghal spejjes minnu nkorsi. Il-kjamat in kawza kien il-*company secretary* tas-socjeta' attrici fiz-zmien meta ssarraf ic-*cheque* u jidher li kien huwa li kien jiehu hsieb l-affarijiet mal-Bank ghan-nom tas-socjeta attrici.

**<u>Agir abusiv u illegali da parti tas-socjeta' konvenuta</u>**

Kif diga' ntqal aktar il-fuq is-socjeta' attrici tirritjeni li z-zewg *cheques* in kwistjoni gew imsarrfa abusivament u illegalment da parti tas-socjeta' konvenuta ghaliex una volta li dawn ic-*cheques* kienu ntestati *'Baldacchino Brothers Limited only'* dawn ma setghux jissarfu izda kellhom biss jigu depozitati fil-kont tas-socjeta' attrici u mhux jissarfu. Ma gie pruvat bl-ebda mod li s-socjeta' konvenuta kellha xi obbligu kuntrattwali mas-socjeta' attrici jew xi obbligu impost fuqha mill-ligi li taghmel dan. Jista' jkun li fil-prattika l-magguranza tac-*cheques* li jkunu ntestati f''isem socjeta' kummercjali jigu depozitati fil-kont taghha u ma jigux imsarrfa izda dan ma jfissirx li jekk rapprezentant ta' socjeta' kummercjali jipprezenta *cheque* intestat lis-socjeta' biex dan igi msrraf il-Bank irid jew jista' jirrifjuta li jsaraf dan ic-*cheque* u ghandu jinsisti li c-*cheque* irid jigi depozitat fil-kont tas-socjeta' u mhux jissarraf.

Mill-provi rrizulta li l-kjamat in kawza kien direttur u *company secretary* tas-socjeta' attrici u kien huwa li kien jiehu hsieb l-affarijiet taghha mal-Bank konvenut (ara xhieda ta' Stephen Falzon f'dan is-sens). Dan il-fatt ma giex kontradett mis-socjeta' attrici. It-Tribunal ghalhekk jidhirlu li s-socjeta' konvenuta ma kkomettiet ebda irregolarita' meta accettat li ssarraf l-imsemmi *cheque* ta' Lm943.00 meta dan gie prezentat lilha mill-kjamat in kawza ghaliex hija kellha kull dritt tassumi li dan kien qieghed bhas-soltu jagixxi fil-kwalita' tieghu ta' direttur u *company secretary* tas-socjeta' attrici u kien qieghed isarraf ic-*cheque* ghan-nom taghha. Kien jispetta lis-

socjeta’ attrici li tinforma lil-Bank konvenut li kien hemm l-inkwiet bejn l-azzjonisti/diretturi taghha u li l-kjamat in kawza ma kellux aktar ir-rapprezentanza guridika u ma kellu ebda delega sabiex jagixxi ghan-nom taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici fil-konfronti tas-socjeta’ konvenuta ser jigu michuda.

**<u>It-talbiet attrici fil-konfronti tal-kjamat in kawza</u>**

Il-bazi tal-azzjoni attrici hija l-allegat agir abusiv, illegali jew negligenti da parti tas-socjeta’ konvenuta, Kif spjegat aktar il-fuq it-Tribunal ikkonkluda li l-Bank konvenut agixxa fil-parametri tal-ligi u ghalhekk it-talba attrici kif diretta kontra tieghu ma tistghax tirnexxi. Irid issa jigi determinat jekk tali talba tistghax tirnexxi fil-konfront tal-kjamat in kawza. It-Tribunal jidhirlu li l-agir tal-kjamat in kawza meta huwa sarraf ic-*cheque* tas-16 ta’ Mejju 2003 jista’ jigi ritenut li kien abusiv ghaliex huwa sarraf ic-*cheque* in kwistjoni u indebitament zamm il-flus meta kien jaf ben tajjeb li dawn ma kienux jappartjenu lilu izda kienu tas-socjeta’ attrici. Il-fatt li huwa naqas milli jinforma lill-Bank konvenut li huwa ma kienx qed jagixxi fil-kwalita’ tieghu ta’ direttur tas-socjeta attrici fil-mument li huwa sarraf ic-*cheque,* jew ahjar il-fatt li huwa ta l-impressjoni li huwa kien qed jagixxi f’din il-kwalita’ meta kien jaf ben tajjeb li dan ma kienx il-kaz, jista’ jitqies li kien agir abusiv da part ital-kjamat in kawza. Huwa jirritjeni li kellu d-dritt izomm ilflus bhala tpacija ma xi spejjes li kien inkorra ghan-nom tal-kumpanija u esebixxa xi ricevuti fir-rigward. Sabiex ikun hemm lok ghal tpacija id-dejn irid ikun cert, likwidu u dovut u dan ma jirrizultax fil-kaz tal-kontenzjoni tal-kjamat in kawza. Huwa ghalhekk ma kellu ebda dritt isarraf ic-*cheque* fl-ammont ta’ Lm943.00 u jzomm dan l-ammont bhala tpacija ma xi ammonti ohra allegatament dovuti lilu li ma humiex certi, likwidi u dovuti. Kif diga’ ntqal aktar il-fuq, ma rrizlutax kjarament mill-provi x’gara mic-*cheque* fl-ammont ta’ Lm219.00 u ghalhekk ma jistghax jinghad li kien hemm xi agir abusiv jew illegali da parti tal-kjamat in kawza anki in kwantu jirrigwarda dan ic-*cheque.*

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad it-talbiet attrici fil-konfronti tas-socjeta’ konvenuta, jilqa’ t-talbiet attrici fil-konfront tal-kjamat in kawza limitatament ghall-ammont ta’ disa’ mija u tlieta u erbghin lira Maltin (Lm943.00) u konsegwentement jikkundanna lill-kjamat in kawza ihallas lis-socjeta’ attrici din is-somma ta disa’ mija u tlieta u erbghin lira Maltin (Lm943.00.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta Jannar 2003, ghadhom jigu sopportati nterament mill-kjamat in kawza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------